# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ — ĠUNJU

**L-AKKADEMJA TAL-MALTI** — 1969


# LAQGHA TA' L-"ATLANTE LINGUISTICO MEDITERRANEO" F'MALTA

*Wara l-indipendenza ta' pajjiżna qegħdin naraw xejriet ġodda u ħarkiena fil-ħajja Maltija. Industrja, kummerċ, servizzi soċjali għamlu pass 'il quddiem ġmielu, hekk ukoll il-kultura ma baqgħetx lura u l-ħidma tal-moħħ qiegħda kulma tmur tixxettel u, dak li huwa aqwa, tieħu sura Maltija u bħala hekk, qiegħda tieħu qgħadha fost il-ġnus.*

*Dan il-qawmien tal-ġenju Malti qiegħed jinħass mhux biss ġewwa pajjiżna imma wkoll barra minn Malta, tant hu hekk li ħafna gvernijiet barranin kif ukoll għaqdiet u xirkiet qegħdin juru xewqa biex joqorbu lejna ħalli jaraw sewwa x'inhuma l-fehma u r-rieda tagħna l-Maltin, u milli jidher ħafna mill-barranin ħadu idea tajba u qegħdin iqisuna li nistgħu nitħalltu magħhom f'dik li hi ħidma għall-ġid u għall-ġieħ, għat-tagħlim u għat-tiġdid fil-ħajja u fl-imġiba tal-bnedmin bejniethom.*

*Dan l-aħħar kellna f'Malta kongressi u konferenzi li ġew għalihom bosta nies u mseħbin ta' għaqdiet u xirkiet imwaqqfin fl-Ewropa u barra mill-Ewropa wkoll. Lilna l-aktar li laqatna kien il-kongress li ġabru fi Gżiritna fil-*31 *ta' Marzu li għadda, il-mexxejja ta' l-*"Atlante Linguistico Mediterraneo", *u laqatna mhux biss għaliex kellna sehem fih iżda wkoll għax l-iskop u l-ħidma ta' l-*"Atlante Linguistico" *għandhom x'jaqsmu mal-ħidma u x-xogħol ta' l-Akkademja tagħna.*

*L-*"Atlante Linguistico Mediterraneo" *qiegħed jaħdem u jistħarreġ biex juri li fost il-ġnus baħħara tal-Baħar Ġewwieni hemm rabta mnissla minn ħbiberija, kuntatti, safar u snajja' li għandhom x'jaqsmu mal-baħar.*

*Din ir-rabta fasslet għamla ta' kultura mifruxa fuq in-nazzjonijiet baħħara tal-Mediterran u dik il-għamla ta' kultura fiha x'wieħed jistħarreġ u jiftaqad ħafna għax minnha wieħed jista' jagħraf liema naħiet l-aktar li tħalltu ma' xulxin u jislet tagħrif etniku, lessikografu u etimoloġiku. Dan it-tagħrif etniku hu marbut ma' l-iżvilupp soċjali, kummerċjali, letterarju u xjentifiku u jiftaħ tieqa li minnha l-għorrief jistgħu jsawru xhieda tal-ħajja tal-lum u ta' l-imgħoddi, tal-bniedem.*

*F'dak il-kongress ħadu parti għorrief u studjużi mill-Ewropa u mill-Afrika u magħhom kellhom sehem siewi Membri Akkademiċi tal-Għaqda tagħna li wrew li wkoll aħna l-Maltin għandna l-ħila u l-għerf biex nieħdu postna fil-wisa' f'okkażjonijiet internazzjonali ta' xjenza u kultura.*

*Dan il-kongress iltaqa' f'Malta għax il-mexxejja ta' l-*"Atlante Linguistico" *kienu jaħsbu li din il-gżira tagħna hi l-qofol tal-Mediterran u b'din il-laqgħa fostna saħħu dik il-fehma tagħhom u għarfu li mingħajr il-kontribut tal-għorrief Maltin l-istudju u l-iskop ta' l-*"Atlante" *ma jistax iseħħ.*

*Il-kongress għolla 'l Malta f'għajnejn il-għorrief barranin u wera s-sehem li din il-gżira jistħoqqilha fil-qasam kulturali ta' l-Ewropa, imma dan ma hux biżżejjed. Dan il-kongress għandu jħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jitgħallmu iżjed dwar l-istorja ta' pajjiżhom u biex igħożżu bil-ħrara kollha dak li jkattar lil Malta Maltija.*